# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM l-Erbgħa, 7 ta' Lulju, 2021.**

**Kawża Nru: 23**

**Rik. Nru. 59/14 JRM**

**ANODALL EXTRUSIONS SpA**

vs

**BORVIN ALUMINIUM LIMITED (C – 38377)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fit-23 ta' Jannar, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti (i) issib li hija għandha tieħu mingħand il-kumpannija mħarrka l-ammont ta' mija u tnejn u ħamsin elf tmien mija u ħamsa u erbgħin euro (€152,845) li jirrappreżenta l-prezz ta' merkanzija lilha mibjugħa u konsenjata; (ii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas l-imsemmi ammont, u (iii) kif ukoll li tiddeċiedi din it-talba bid-dispensa tat-trattazzjoni għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta billi l-ammont huwa ċert, likwidu u dovut. Talbet ukoll l-imgħax legali u

l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tas-19 ta' Diċembru, 2013 u tal-Mandat ta' qbid ppreżentat kontestwalment mar-Rikors Maħluf;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Frar, 2014[1], li bih sabet li l-kumpannija mħarrka kienet tatha raġunijiet tajba biżżejjed biex tħalliha tikkontesta l-kawża;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-7 ta' Marzu, 2014, li biha l-kumpannija mħarrka laqgħet għal-azzjoni attriċi billi qalet illi ħallset għal merkanzija li ġiet mibjugħa u konsenjata lilha. Tikkontesta l-ammont mitlub billi tgħid li kien intlaħaq ftehim illi l-kumpannija mħarrka trodd lura l-merkanzija mhux mibjugħa, liema merkanzija ġiet esportata permezz ta' żewġ konsenji u aċċettata mill-kumpannija attriċi;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi dokumentali mressqa quddiema;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Ottubru, 2015[2], li bih ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-avukati tal-partijiet[3];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' prezz ta' merkanzija. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Anodall") biegħet merkanzija lill-kumpannija imħarrka (minn issa 'l hemm imsejħa "Borvin") konsistenti f'materja prima li din tal-aħħar tuża fin-negozju tagħha u tgħid li Borvin baqgħet ma ħallsithiex tagħha. Għalhekk, fittxitha għall-ħlas;

Illi għal din l-azzjoni Borvin laqgħet billi tgħid li għalkemm hemm qbil li l-bejgħ sar, hija m'għandha tagħti xejn lil Anodall billi hija ħallset għall-merkanzija li nbiegħet lilha. Ċaħdet li fadlilha tħallas is-somma mitluba minn Anodall għaliex tgħid li kien sar qbil bejniethom li parti mill-merkanzija

[1] Paġ. 124 tal-proċess
[2] Paġ. 595 tal-proċess
[3] Paġ. 596 tal-proċess

mibjugħa kellha tintradd lura lil Anodall, kif fil-fatt sar, f'żewġ konsenji li Anodall aċċettat li ħadithom lura;

Illi b'dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tal-14 ta' Jannar, 2016[4], l-avukat difensur ta' Borvin irtira l-ewwel eċċezzjoni u stqarr li l-kumpannija patroċinata minnu għad fadlilha tħallas lil Anodall is-somma ta' tlieta u sittin elf erba' mija u disgħa u tletin euro u sittax-il ċenteżmi (€ 63,439.16);

Illi bħala fatti relevanti illi joħorġu mill-atti ta' din il-kawża jirriżulta li fuq medda ta' żmien Anodall biegħet merkanzija lil Borvin li tikkonsisti f'materja prima tal-aluminju. L-aħħar konsenja saret fl-2008[5];

Illi l-ħlas kien isir f'pagamenti kull xahar, iżda maż-żmien Borvin waqgħet lura fil-ħlas tant li tela' bilanċ favur Anodall ta' mitejn u tmienja u tletin elf euro ( €238,000). Dan wassal biex fit-22 ta' Mejju, 2012, il-partijiet qablu fuq mod ta' ħlas li bih l-ammont kollu kellu jitħallas sal-10 ta' Ġunju, 2014[6];

Illi f'Ġunju tal-2013, intlaħaq ftehim mill-ġdid bejn il-partijiet li bih, Anodall aċċettat li tieħu lura l-materjal li ma kienx mibjugħ u mhux imħallas mill-kumpannija imħarrka, bħala skrap[7]. Il-materjal intbgħat lura l-Italja f'żewġ konsenji differenti, u Borvin ħarġet żewġ *delivery notes* għal dan ir-rigward waħda fit-2 ta' Lulju, 2013 u l-oħra fit-22 ta' Lulju, 2013 għall- ammont ta' tnejn u disgħin elf euro (€92,600) u sitta u erbgħin elf ħames mija u sittin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmi (€46,560.84) rispettivament[8];

Illi Anodall tgħid illi l-prezz milħuq bejnha u Borvin kien ta' euro u nofs (€1.50) għal kull kilogramm ta' materjal li ntradd lura. Dan il-ftehim sar bil-fomm, iżda jirriżulta wkoll minn *e-mail* li ntbgħatet minn Anodall lil Borvin fil-11 ta' Lulju, 2013[9]. Wara li rċeviet il-materjal, Anodall ħarġet tliet fatturi lil Borvin għall-ammonti rispettivi ta' €32,430, €16,973.70 u € 351.30 li jġibu d-dati waħda tat-22 ta' Lulju, 2013 u tnejn tal-31 ta' Lulju, 2013[10] rispettivament;

Illi f'Settembru tal-2013[11], Anodall talbet lil Borvin sabiex tersaq fuq ftehim għal bilanċ li kien baqa' ma tħallasx. Min-naħa tagħha, Borvin talbet aktar żmien sabiex setgħet tagħmel dan[12];

---

[4] Paġ. 606 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Adrian Borġ f'paġ. 131 tal-proċess
[6] Dok. "AE5" f'paġġ. 34 – 5 tal-proċess
[7] Ara email datata 17 ta' Ġunju, 2013 f'paġ. 54 tal-proċess. Referenza għall-materjal mibjugħa bħala *scrap* ara wkoll *emails* li jġibu d-data tal-5 ta' Lulju, 2013 u 11 ta' Lulju, 2013 f'paġ. 52 tal-proċess, *email* tas-19 ta' Settembru, 2013 f'paġ. 43 tal-proċess u dik tat-18 ta' Ottubru, 2013 f'paġ. 40 tal-proċess
[8] Dok. "A" u Dok. "B" f'paġġ. 127-128 tal-proċess
[9] Dok. "AE7" f'paġ. 52 tal-proċess
[10] Ara Dok. "AE7" f'paġġ. 45, 47 u 48 tal-proċess
[11] Ara Dok. "AE6" speċifikatament email li ġġib id-data ta-19 ta' Settembru, 2013 f'paġ. 43 tal-proċess
[12] Ibid speċifikatament email li jġibu d-data tal-18 ta' Ottubru, 2013 f'paġ. 40 tal-proċess

Illi Anodall tgħid li baqa' bilanċ favur tagħha mhux imħallas ta' mija u tnejn u ħamsin elf tmien mija u ħamsa u erbgħin euro (€152,845)[13]. Fid-19 ta' Diċembru, 2013[14], hija bagħtet tinterpella uffiċjalment lil Borvin għall- ħlas tal-imsemmi bilanċ, iżda jirriżulta illi l-bilanċ qatt ma tħallas;

Illi fit-23 ta' Jannar, 2014 infetħet din il-kawża;

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-każ, jintrabtu mal-ftehim li ntlaħaq bejn il-partijiet f'Ġunju tas-sena 2013 kif ukoll dak ta' qablu tat-22 ta' Mejju, 2012. Jintrabtu wkoll mal-linja ta' difiża li ħadet Borvin f'dan il-każ – jiġifieri t-tqanqil mill-parti mħarrka tal-eċċezzjoni tal-ħlas – u li kienet wasslet lil din il-Qorti biex taqleb ukoll l-ordni tal-ġbir tal-provi. Jidher illi l-kwestjonijiet li nqalgħu jinġabru taħt tliet irjus: l-ewwel, x'kien il-ftehim milħuq bejn il-partijiet f'Ġunju tas-sena 2013; it-tieni, jekk wara l-konsenji tal-materjal f'Lulju tas-sena 2013, kienx baqa' xi bilanċ li Borvin kellha tħallas lil Anodall, fid-dawl tal-ftehim tat-22 ta' Mejju, 2012; u t-tielet, jekk wara l-konsenji li saru minn Borvin f'Lulju tas-sena 2013, baqax dovut lilha xi ammont minn Anodall;

Illi huwa u jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[15] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha.[16] Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[17] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[18];

Illi huwa wkoll miżmum li fil-każ li ż-żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox kungliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[19] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[20] Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti

---

[13] Dok. "AE2" f'paġ. 6 tal-proċess
[14] Ittra uffiċjali mmarkata bħala "Dok. AE1" f'paġ. 5 tal-proċess
[15] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[16] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[17] Art. 562 tal-Kap 12
[18] Art. 559 tal-Kap 12
[19] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[20] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***

għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[21];

Illi minbarra dan, jibqgħu dejjem jgħoddu ż-żewġ regoli l-oħrajn fid-dritt tal-obbligazzjonijiet, u jiġifieri, dik ir-regola li trid li dak li wieħed jintrabat għalih huwa l-liġi bejn il-partijiet u jrid iwettqu u ma jħassrux jekk mhux bi qbil mal-parti l-oħra ("*pacta sunt servanda*")[22]; filwaqt li t-tieni regola hi li kull min jintrabat fi ftehim jitqies li jwettqu b'bona fidi[23], u jgħodd mhux biss għal dak li jingħad fih imma wkoll għall-konsegwenzi kollha li r-rabta ġġib magħha[24];

Illi għal dak illi jirrigwarda **l-ftehim ta' Ġunju 2013**, jibda biex jingħad illi dan il-ftehim sar bil-fomm[25], u filwaqt illi hemm bqil dwar x'kellu jiġi esportat minn Malta lura lejn l-Italja, kif ukoll dwar il-kwantita` tal-materjal li ġie esportat, ma hemmx qbil dwar il-prezz li bih sar il-bejgħ. Filwaqt illi Anodall tgħid illi l-prezz miftiehem kien dak ta' euro u nofs (€1.50) għal kull kilogram meqjus fuq il-piż li ġab il-materjal bħala *scrap* skond il-Borża tal-Ingilterra, b'żieda miegħu ta' tletin fil-mija (30%)[26], Borvin tgħid illi l-bejgħ sar bl-istess prezz li nbiegħ lilha, jiġifieri bil-*cost price*[27];

Illi ħarsa lejn id-dokumenti mressqa fl-atti turi li d-dokumenti illi l-partijiet jistrieħu fuqhom biex isostnu l-verżjonijiet rispettivi tagħhom tal-fatti kif ġraw huma konfliġġenti: filwaqt illi Anodall tistrieħ fuq il-fatturi li hija tgħid li ħarġet wara li rċeviet il-kunsenja tal-materjal f'Lulju 2013 u li juru prezz ta' €1.50 għal kull kilogramm ta' materjal[28], min-naħa l-oħra, Borvin tistrieħ fuq id-*delivery note* li hija ħarġet għal skop ta' esportazzjoni li fiha jidher il-prezz ta' ħames euro u tmenin ċenteżmi (€5.80) u tliet euro (€3.00) għal kull kilogramm skond l-għamliet ta' materjal li tirreferi għalih id-*delivery note*[29]. Id-differenza bejn iż-żewġ verżjonjiet tal-partijiet titla' għal disgħa u tmenin elf erba' mija u sitt euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmi (€89,406.54)[30];

Illi fil-fehma tal-Qorti il-verżjoni tal-fatti marbuta mal-ftehim ta' Ġunju 2013 hija aktar kredibbli, u dan wara li qieset illi (1) l-materjal intbagħat lura bħala skrapp u m'hemmx kontestazzjon dwar dan il-fatt mill-ebda waħda mill-partijiet; (2) intbagħat f'indirizz ġewwa l-Italja magħżul minn Anodall u li

[21] P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ċiantar vs David Curmi noe*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell **19.6.2006**)
[22] Art. 992 tal-Kap 16
[23] Art. 993 tal-Kap 16
[24] App. Ċiv. **25.6.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph F Depares noe et vs John O'Dea noe et pro*** (mhix pubblikata)
[25] Kontro-eżami ta' Adrian Borġ f'paġ. 138 tal-proċess
[26] Xhieda ta' Maurizio Beghelli f'isem il-kumpannija attriċi f'paġ. 590 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "”AE6" f'paġ. 39 tal-proċess u Dok. "AE7" f'paġ. 52 tal-proċess
[27] Xhieda ta' Adrian Borġ f'paġġ. 133 – 4 tal-proċess
[28] B'kollox ġew li ħallsu €49,753. Ara wkoll ix-xhieda ta' Maurizio Beghelli fil-kontro-eżami f'paġ. 591 tal-proċess
[29] B'kollox ġew li ħallsu €139,160.84. Ara wkoll ix-xhieda ta' Adrian Borġ f'paħ. 133 tal-proċess
[30] €139,160.84 (€92,600 + €46,560.84) – €49,754.30 (€32,430 + €16,973 + €351.30)

jittratta materjal għal dan l-istess skop[31] (jiġifieri bħala skrapp), u lanqas ma jidher li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar dan il-fatt; (3) il-valur ta' materjal għal skrapp huwa dejjem inqas minn dak tal-bejgħ bħala materja prima; (4) il-prezz ta' €1.50 għal kull kilogramm ta' materjal skrapp[32] jissemma f'*email* tal-11 ta' Lulju, 2013 u ma ġiex ikkontestat minn Borvin fiż-żmien meta ntbagħtilha; u (5) Borvin tistqarr illi tilfet il-flus meta bagħtet il-materjal lura bħala skrapp[33];

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha fattwali, il-Qorti għaldaqstant tasal għall-fehma illi l-prezz miftiehem bejn il-partijiet li bih Anodall kienet lesta li tirċievi lura l-materjal kien dak ta' €1.50 kull kilogramm. Għalhekk l-ammont xieraq li Anodall naqqset mill-bilanċ li Borvin sa dak iż-żmien kien għad għandha tħallasha kien ta' disgħa u erbgħin elf seba' mija u tlieta u erbgħin euro (€49,743) u mhux dak ta' mija u disgħa u tletin elf mija u sitt euro u erbgħa u tmenin ċenteżmi (€139,160,84) kif Borvin tgħid li messu tnaqqas;

Illi jmiss illi l-Qorti tqis i**l-ftehim milħuq bejn il-partijiet f'Mejju tas-sena 2012**. Għall-kuntrarju tal-ftehim li sar f'Ġunju, 2013, dan il-ftehim sar bil-miktub[34];

Illi f'dan il-ftehim il-partijiet kienu qablu li l-bilanċ dovut lil Anodall kien fl-ammont ta' mitejn u tmienja u tletin elf euro (€238,000) li minnu kellha tinqata' s-somma ta' ħdax-il elf euro (€11,000) rappreżentanti l-prezz tal-materjal ta' sebat elef mitejn u erbgħa u għoxrin kilogramm (7,224kg) ta' *extruded profiles* ta' Borvin li kellhom jintbagħtu għall-iskrappjar. Il-partijiet qablu ma' dak il-ftehim u ħejjew pjan kif id-dejn kellu jinqata' sa mhux aktar tard minn Ġunju tal-2014. Is-siwi ta' dan il-ftehim joħroġ f'*email* li ntbagħtet minn Anodall lil Borvin fid-19 ta' Settembru, 2013[35] wara li hija rċeviet lura l-konsenji tal-materjal li Borvin radditilha. F'din l-*email,* Anodall issemmi l-ftehim ta' Mejju 2012, u titlob lil Borvin sabiex terġa' mill-ġdid tibda tħallas ir-rati ta' ħlas miftehma minnha f'Mejju tal-2012 skond l-iskeda hemm stabbilita;

Illi mid-dokumenti li Anodall ressqet fl-atti, l-ammont ta' disgħa u erbgħin elf seba' mija u tlieta u erbgħin euro (€49,743), li jirrappreżentaw il-valur tal-materjal li Borvin raddet lura, kien effettivament tnaqqas minn dak li Borvin kien għad fadlilha tħallas lil Anodall u li sa dak iż-żmien kien jammonta għal mitejn u elfejn u sitt mitt euro (€202,600)[36]. Għaldaqstant l-ammont li baqa' dovut lilha minn Borvan meta saret l-imsemmija tpaċija kien dak ta' mija u tnejn

[31] Ara Dok. "AE7", email tas-17 ta' Ġunju, 2013 f'paġ. 54 tal-proċess
[32] *Ibid* email tal-11 ta' Lulju, 2013 f'paġ. 52 tal-proċess
[33] Ara Dok. "AE6" email tat-18 ta' Ottubru, 2013 f'paġ. 40 tal-proċess
[34] Dok "AE5", f'paġġ. 34 – 5 tal-proċess
[35] Paġ. 43 tal-proċess
[36] Ara r-rendikont tal-ħruġ u dħul f'Dok. "AG4" f'paġ. 32 tal-proċess minn fejn tirriżulta l-figura ta' €202,600

u ħamsin elf tmien mija u ħamsa u erbgħin euro (€152,845),[37] li huwa ħarira aktar mill-ammont mitlub minn Anodall f'din il-kawża;

Illi l-Qorti fliet ukoll l-*istatement of accounts* li ppreżentaw il-banek[38] f'isem Borvin jew id-diretturi tagħha, u joħroġ li saru ħlasijiet minn Borvin lil Anodall, u li dawn kollha kienu akkreditati u tnaqqsu mir-rendikont tad-dħul u ħruġ ppreżentat minn Anodall[39]. Madankollu, il-Qorti ma sabitx li l-pagamenti li kellhom jitħallsu tħallsu kollha, kif tallega Borvin. Il-Qorti tqis illi kien fl-interess ta' Borvin illi ladarba qajmet l-*exceptio soluti* tipprova dak li tallega kif imiss billi tressaq prospett li juri li l-ammont ta' €202,600 tħallas kollu, ħaġa li naqset li tagħmel, anke jekk ġiet mitluba biex tagħmel dan minn Anodall innifisha sa minn qabel ma kellha tinfetaħ il-kawża[40];

Illi għall-kuntrarju, f'*email* li ġġib id-data tal-24 ta' Settembru, 2013[41], Borvin tistqarr il-fatt li għad fadlilha x'tagħti lil Anodall u li kellha tressaq pjan ta' kif kien fi ħsiebha taqta' dak id-dejn. Mill-provi mressqa ma jidhirx li Borvin waslet lanqas f'dan ir-rigward. F'kull każ, jekk kienet waslet, hija naqset li tipprova dan kollu u l-piż tal-prova kien jaqa' fuqha;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li din l-istqarrija minn Borvin hija għal kollox differenti mill-ewwel eċċezzjoni li hija ressqet fit-Tweġiba Maħlufa tagħha meta laqgħet għat-talba attriċi billi ċaħdet li kellha xi pendenzi magħha. Dan ġie konfermat ukoll minn Adrian Borġ meta jistqarr illi bir-radd lura tal-materjal f'Lulju, 2013, Anodall ma kellha jedd għal xejn aktar[42];

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti sejra tqis **id-dikjarazzjoni magħmula mill-kumpannija mħarrka fl-aħħar smigħ** tal-kawża meta qalet li għad għandha tagħti lil Anodall biss is-somma ta' €63,439.16. Dak l-ammont jirrappreżenta iż-żewġ ammonti li jidhru fuq id-*delivery notes* mis-somma sħiħa li Anodall tgħid li kien għadu dovut lilha qabel il-ftehim li ntlaħaq f'Ġunju 2013, jiġifieri €202,600. Billi aktar 'il fuq il-Qorti qieset li l-ftehim bejn il-partijiet dwar il-valur u r-rata tal-materjal li kellu jintradd lura għall-iskrappjar kellu jkun dak ta' euro u ħamsin ċenteżmi (€1.50) għal kull kilogramm ta' materjal u mhux dak imniżżel fid-*delivery notes* minn Borvin, l-ammont pretiż minn Borvin mhux mistħoqq;

Illi meta l-Qorti tqis il-prova kollha mressqa quddiemha, u l-argumenti tal-partijiet, hija tasal għall-fehma illi Anodall seħħilha tressaq provi b'saħħithom biżżejjed illi l-ammont mitlub minnha f'din il-kawża huwa tabilħaqq

[37] €202,600 - €49,753
[38] Dok. "JC1" – Dok. "JC3" f'paġ. 143-389 tal-proċess, u Dok. "AGA" – Dok. "AGD1"f'paġġ. 398-579 tal-proċess
[39] Dok. "AG4" f'paġġ. 28-33 tal-proċess
[40] Ara n-Nota mressqa mill-kumpannija attriċi tas-27 ta' April, 2015 f'paġ. 396 tal-proċess
[41] Paġġ. 42-43 tal-proċess
[42] Paġ. 133 tal-proċess

dovut lilha, u għaldaqstant it-talbiet tagħha huma mistħoqqa. Bl-istess mod, jirriżulta lill-Qorti illi l-eċċeżżjonijiet mressqa minn Borvin mhux mistħoqqa u li hija naqset li tipprova dak li allegat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel żewġ talbiet attriċi** bħala li huma mistħoqqa u ssib li l-kumpannija attriċi hija kreditriċi tal-kumpannija mħarrka fis-somma ta' mija u tnejn u ħamsin elf tmien mija u ħamsa u erbgħin euro (€ 152,845) rappreżentanti l-prezz ta' materja prima lilha mibjugħ u konsenjat, u għalhekk tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallasha l-imsemmi ammont flimkien mal-imgħaxijiet kummerċjali b'seħħ mit-23 ta' Diċembru 2013[43], sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tastjeni milli tqis aktar it-tielet talba attriċi** fid-dawl tad-degriet mogħti fis-27 ta' Frar, 2014;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpannija mħarrka** għaliex ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt; u

**Tordna** lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**7 ta' Lulju, 2021**

**Geraldine Rickard**
**Deputat Reġistratur**

**7 ta' Lulju, 2021**

[43] Data tan-notifika tal-ittra uffiċjali tad-19.12.2013